# 43. Daqq Bla Ħoss

Bla ħoss, u bla daqq, u bla għana
id-dawra tad-disa’ smewwiet:
f’għomorhom bla għadd u bla bidu
qatt kisru ta’ dejjem is-skiet;

’Mma f’sidru Pitagra deheni
iħosshom bħal disa’ kordiet
mimsusa minn swaba’ moħbija
f’dawriethom id-disa’ smewwiet;

U jqanqlu xbihat ġewwa moħħu
ta’ Mgħallem, Mexxej, u Ħallieq;
u jħeġġu xewqat ġewwa qalbu
ta’ ħajja f’art oħra bla dieq.

Bla ħoss, u bla daqq, u bla għana
id-dawra tad-disa’ smewwiet;
’mma f’sidru Pitagra deheni
iħosshom bħal disa’ kordiet.